## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-4 ta' Frar, 2016

Appell Nru: 390/2015

**Il-Pulizja**

**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**(Spettur Pierguido Saliba)**

**Vs**

**Tamer Mohamed Hussein Rozik**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmi Tamer Mohammed Hussein Rozik detentur tal-passaport bin-numru A02849924 talli:

Fis-7 ta' Lulju 2015 ghall-habta tal-23.15hrs u s-sighat ta' wara gewwa Triq San Frangisk, Floriana, l-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt u f'inhawi ohra f'dawn il-gzejjer:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma jitqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq diversi persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' PC 589 E. Grima f'perikolu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 589 E. Grima, hekk kif gie ccertifikat minn Dr. David Fenech M.D. tad-Dipartiment tas-Sahha Primarja, Floriana u Dr. R. Camilleri M.D. 3672 mill-Isptar Mater Dei u dan bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` *helmet* u qalziet protettiv uzati ghas-sewqan tal-muturi, ghad-dannu tal-Korp tal-Pulizija u tal-Gvern ta' Malta, kif ukoll apparat tal-*blue tooth* ghall-*helmet*, ghad-dannu ta' PC 589 E. Grima, liema hsara ma teccedix l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500), izda li hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250);

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` *bonnet* u *wipers* ta' vettura tal-ghamla Peugeot Partner bin-numru ta' registrazzjoni JBT 169 ghad-dannu ta' Eusebio Aquilina minn Birkirkara u/jew persuni ohra, liema hsara ma teccedix l-elfejn u hames mitt Euro (€2,500), izda li hija izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250);

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe` saqqu ta' *stretcher*, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema hsara ma teccedix il-mitejn u hamsin Euro (€250);

7. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita` jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra PC 1189, PC 918 u PC 927 sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1) (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, m'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma halliex jew fixkel waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew seta' jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi.

10. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika, b'ghajjat, glied jew mod iehor.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar l-14 ta' Lulju, 2015, li permezz taghha wara li rat l-Artikoli 17, 95, 96(a), 221, 325(1)(b) u 325(1)(c), 338(dd), (ee) u 339(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal piena ta' **hdax-il xahar prigunerija effettiva –** li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom **-** u **multa ta' hamest elef Euro (€5,000)**.

In oltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 532A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-hati jhallas is-somma ta' hames mija, tlieta u disghin Euro u disghin centezmu (€593.90), rapprezentanti l-valur tal-hsarat ikkagunati minnu li sal-lum ghadhom mhumiex imhallsa u dan in kwantu ghas-somma ta' tliet mija, erbgha u erbghin Euro u disghin centemzu (€344.90) lill-Gvern

ta' Malta u in kwantu ghas-somma ta' mitejn, disgha u erbghin Euro (€249) lil PC 589 E. Grima u dan fi zmien tliet (3) xhur mil-lum.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Tamer Mohammed Hussein Rozik, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-23 ta' Lulju, 2015, fejn talab lill-din l-Onorabbli Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah.

Rat l-atti kollha tal-process.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant, pprezentata mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunisdrat:

Illi dan huwa appell propost mill-appellant Tamer Mohammed Hussein Rozik fejn, minn dak li tista' tifhem din il-Qorti, huwa jhossu aggravat mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghaliex l-ammissjoni tieghu quddiem dik il-Qorti kienet wahda vizzjata. L-appellant jghid illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-appellant jixtieq jirtira l-ammissjoni tieghu minhabba ragunijiet serji. Dawn ir-ragunijet jidher li huma tnejn. L-ewwel wahda hi li quddiem l-Ewwel Qorti ma kienx assistit u it-tieni raguni hi li l-avukat li deher ghalih kien inkarigat mill-kumpanija li huwa mpjegat maghha u li din kellha interessi ferm differenti minn tieghu. Jilmenta ukoll l-appellant illi sostna diversi drabi li ma jaqbilx ma' l-akkuzi [*recte.* imputazzjonijiet] u li dan huwa kaz fejn l-aggressjoni kienet fil-konfront tieghu;

Jibda biex jinghad fil-kwistjoni bhal din hawn devoluta, li l-Qorti jehtieg li tkun certa li dak li qed jitlob l-appellant ma huwiex dovut ghall-zball genwin meta ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih jew jekk huwiex ripensament dwar l-ammissjoni tieghu wara li inghata l-piena konsegwenza tas-sejbien ta' htija. Tajjeb li in rigward ssir referenza ghal dak li rriteniet din il-Qorti

diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri** tal-20 ta' Jannar 1995: *"Dwar l-effett ta' ammissjoni fuq l-appell tal-persuna misjuba hatja din il-Qorti (jew ahjar, il-Qorti Kriminali li allura kienet tisma' l-appelli mid-decizjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja) diga' kellha l-opportunita' li tippronunzja ruhha fis-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru, 1962 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain (Kollezz. Deciz. XLVI.IV.911). F'dik is-sentenza gie ritenut, mill-kompjant Imhallef William Harding, fuq l-iskorta ta' gurisprudenza kemm Ingliza kif ukoll lokali, li fuq ammissjoni ta' l-imputat, Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu ammenoke' ma jirrizultax li l-imputat ma jkunx fehem in-natura ta' l-imputazzjoni jew li ma kinitx l-intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta' dik l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma setghetx skond il-ligi, tikkundannah, cioe' ssibu hati ta' reat. Anke recentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament ippresjeduta) tat-28 ta' April, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Mohnani, fejn il-kwistjoni kienet simili ghal dik odjerna, intqal li li 'din il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbali ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almenu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball'. Dan qed jinghad biex hadd ma jifforma l-idea zbaljata li wiehed jista l-ewwel jammetti quddiem il-Qorti Inferjuri u wara, fuq ripensament, jappella billi jallega li hu ammetta bi zball jew li ma kienx jaf ghal x'hiex qed jammetti".* Insenjament dan citat b'approvazzjoni minn din il-Qorti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Rainer Grima** tat-12 ta' Mejju 2004 fost ohrjan;

Isegwi ghalhekk li huwa mehtieg li jkunu ezaminati l-verbali tas-seduti u f'dan il-kaz tajjeb li jkun riprodott kollox fl-intier tieghu:

> Illum 9 ta' Lulju 2015
>
> Meta ssejhet il-kawza tressaq l-imputat taht arrest assistit minn Dr. Stephen Tonna Lowell.

Dehru l-Ufficcjali Prosekuturi l-Ispettur Priscilla Caruana u l-Ispettur Pierguido Saliba..

Il-Qorti giet infurmata li l-imputat ma jifhimx bil-lingwa Maltija u lanqas dik Ingliza izda jifhem bil-lingwa Gharbija. Il-Qorti qed tordna li l-proceduri jitkomplew bil-lingwa Maltija. F'dan l-istadju il-Qorti qed tahtar lill-Khalil Nazmi Huoto bhala interpretu mil-lingwa Maltija ghal dik Gharbija u vice versa sabiex jassisti lill-imputat. Huwa nghata l-gurament tal-hatra.

F'dan l-istadju Dr. Stephen Tonna Lowell jiddikjara li qed jirrinunzja ghall-patroncinju tal-imputat.

Ai fini tal-prezentata tal-imputat, il-Qorti qed tahtar lil Dr. Abigail Bugeja bhala avukat tal-ghajnuna legali sabiex tassisti lill-imputat.

Id-difiza mhix qed tikkontesta l-validita' tal-arrest. Il-Qorti, wara li semghet lill-Ufficcjal Prosekutur jispjega fil-qasir dwar ic-cirkostanzi li wasslu ghall-arrest tieghu u billi tinsab sodisfatta li l-arrest kien wiehed skont il-ligi, qed tikkonvalidah.

L-akkuza giet moqrija u kkonfermata bil-gurament. L-Ispettur Priscilla Caruana esebiet Dok PC u PC1 (certifikat), Dok PC2 (PIRS report), Dok PC3 (Stqarrija), Dok PC4 (Kopja tal-passaport), Dok PC5 (fedina penali), Dok PC6(ritratti), PC7, PC8 u PC9 (stimi tal-hsarat).

F'dan l-istadju l-imputat qed jirregistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u wara li l-Qorti wissietu bil-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u nghata hin biex jahsibha, huwa kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Dr. Abigail Bugeja ghall-imputat tinforma lill-Qorti li l-kumpanija li maghha l-imputat huwa impjegat u cioe' s-socjeta' Virtu Ferries, lesta li

tkopri l-valur tal-hsarat li saru mill-imputat u li jammontaw ghal-cirka 1383 Euro.

Dr. Stephen Tonna Lowell in rapprezentanza tas-socjeta' imsemmija jikkonferma dan.

L-Ispettur Pierguido Saliba jitlob li jixhed ghal fini ta' piena.

Xehed: Spettur Pierguido Saliba.

Il-Qorti semghet sottomissjonijiet mill-partijiet dwar il-piena.

L-imputat qed jitlob li jinghata l-helsien mill-arrest. Il-Prosekuzzjoni topponi. Il-Qorti wara li semghet lill-partijiet jitrattaw dwar it-talba tal-imputat, wara li hadet in konsiderazzjoni s-serjeta tal-akkuzi li bihom jinsab akkuzat l-imputat u wara li rat ukoll l-Artikolu 575 tal-Kap 9 tal-Ligjijet ta' Malta, qed tichad it-talba tal-imputat kemm minhabba s-serjeta tal-akkuzi li bihom hu akkuzat kif ukoll minhabba li jidher li l-imputat m'ghandux residenza fissa f'Malta.

Il-Qorti qed tiddiferixxi l-kawza ghal-nhar it-Tlieta 14 ta' Lulju 2015 fid-9.00hrs ghas-sentenza finali.

L-imputat notifikat fl-awla bid-differiment li jmiss.

Fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2015 imbaghad kien registrat is-segwenti:

Illum 14 ta' Lulju 2015.

Meta ssejhet il-kawza deher l-imputat mhux assistit.

Dehru l-Ufficjali Prosekuturi l-Ispettur Priscilla Caruana u l-Ispettur Pierguido Saliba.

F'dan l-istadju il-Qorti qed tahtar lil Khalil Nzami Huoto bhala interpretu mil-lingwa Maltija ghal dik Gharbija u vice versa sabiex jassisiti lill-imputat. Huwa nghata l-gurament tal-hatra.

L-Ufficjal Prosekutur esebixxa hames kwotazzjonijiet bhala Dok PC10 sa PC14.

Deher Dr. Stephen Tonna Lowell ghas-socjeta' Virtu Ferries Limited li nforma lill-Qorti li l-maggor parti diga thallset u li s-somma li fadal ser tithallas ukoll u dan gie kkonfermat ukoll mill-prosekuzzjoni.

Inghatat sentenza.

Il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Lulju jiddemostra proprju l-kontra ta' dak espost mill-appellant fl-aggravju tieghu. Huwa kien assistit minn avukat tal-ghajnuna legali wara li Dr. Stpehen Tonna Lowell formalment irrinunzja ghall-partoncinju tal-appellant. Kien ukoll mahtur interpretu biex jassisti lill-appellant fl-ilsien li jitkellem bih peress li ma jifhimx b'dak Malti jew Ingliz. L'appellant irregistra ammissjoni fil-prezenza tal-avukat lilu assenjat u wara li kien imwissi bil-konsegwenzi ta' dik l-ammissjoni u inghata hin biex jerga jahsibha, kkonferma l-ammissjoni tieghu. Minn dak inhar, igifieri mid-9 ta' Lulju, sal-14 ta' Lulju meta inghata is-sentenza ghaddew sitt ijiem u l-appellant ma wera ebda sinjal li xtaq jirtira l-ammissjoni tieghu jew li dik l-ammissjoni saret minnu bi zball. Il-Qorti ma tistghax tifhem ghaliex l-appellant jargumenta li ma kienx assistit quddiem l-Ewwel Qorti meta huwa fil-fatt kien debitament assistit minn avukat tal-ghajnuna legali. Isostni wkoll l-appellant illi huwa jixtieq jirtira l-ammissjoni tieghu "minhabba ragunijiet serji" izda dawn ir-ragunijiet baqghu qatt ma ngiebu a konjizzjoni ta' din il-

Qorti. Di piu', meta l-appellant jispjega l-fatti fil-qosor, apparti l-istat konfuzjonarju ta' dan il-paragrafu, donnu jerga jammetti l-aggressjoni tieghu fil-konfront tal-ufficjali tal-pulizija bhala li "l-aggressivita' tal-imputat kienet wahda sostanzjali u baqghet ghaddejja fil-konfront ta' diversi ufficjali tal-pulizija ghal tul ta' hin." In mankanza ta' ragunijiet aktar plausibbli ghaliex l-appellant ghandu jitwemmen li l-ammissjoni tieghu kienet wahda genwinament zbaljata, din il-Qorti ma tistghax hlief tghaddi biex tichad l-appell interpost.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.